# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 1096/19/1 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**v.**

**Angela Mizzi, Charles Mizzi, Salvatore Spiteri u Maria Spiteri, u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2020 ġew miżjuda Francesca Pantalleresco u l-imsemmija Maria Spiteri u Angela Mizzi bħala eredi tad-defunt Saviour *sive* Salvatore Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur tas-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. ippreżentat minnha fl-14 ta' Novembru, 2019 li permezz tiegħu jingħad hekk:

> "Illi permezz ta' sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Angela Mizzi, Charles Mizzi, u Saviour u Maria mizzewgin Spiteri" (Citazzjoni numru 969/05

> JRM) (Dok "A"), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimati fis-somma ta' mija u sbatax-il elf, hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro u erbatax-il centezmu (€117,527.14) [ekwivalenti ghal Lm50,454.40] flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Awwissu 2005 sal-jum tal-pagament effettiv.
>
> Illi d-debitu tal-intimati illum jammonta ghal mitejn u erbghin elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u sbatax-il centezmu (€240,726.17), kwantu ghas-somma ta' mija u sbatax-il elf, hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro u erbatax-il centezmu (€117,527.14) sorte, kwantu ghas-somma ta' mija u tmintax-il elf, erba' mija u hamsa u tletin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€118,435.46) imghax sas-16 ta' Ottubru 2019 (Dok. "B1 sa B3") u kwantu ghas-somma ta' erbat elef, seba' mija u tlieta u sittin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€4,763.57) spejjez tal-kawza (Dok. "C"), flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Ottubru 2019 sal-jum tal-pagament effettiv u spejjez legali ohra.
>
> Illi l-intimat Salvatore Spiteri, detentur tal-karta tal-identita numru 0761348 (M) miet fis-17 ta' Mejju 2007 kif ahjar jirrizulta mic-certifikat tal-mewt hawn anness u markat dokument "D";
>
> Illi l-eredi ta' Salvatore Spiteri huma martu Maria Spiteri (ID 457251M), u uliedu Angela Mizzi (ID 403177M) u Francesca Pantalleresco (ID 399282M);
>
> Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi is-sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Angela Mizzi, Charles Mizzi, u Saviour u Maria mizzewgin Spiteri" (Citazzjoni numru 969/05 JRM) (Dok "A") ukoll kontra Maria Spiteri (ID 457251M), Angela Mizzi (ID 403177M) u Francesca Pantalleresco (ID 399282M) bhala eredi ta' Salvatore Spiteri , minbarra kontra l-konvenuti fil-kawza Angela Mizzi, Charles Mizzi, u Maria Spiteri" bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimati".

2. Rat ir-risposta ta' Angela Mizzi, Charles Mizzi, Maria Spiteri u Francesca Pantalleresco, ippreżentata minnhom fl-14 ta' Jannar, 2020, li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

> "Illi fl-ewwel lok ghadhom m'ghaddewx hmistax-il sena mid-data ta' dina s-sentenza u dan skont l-Artikolu 258 (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk tali proceduri huma ntempestivi.
>
> Illi fit-tieni lok anka jekk ir-rikorrenti irridu jipprevalixxu ruhhom mill-Artikolu 259 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-artikolu

> m'ghandhux japplika ghall-eccipjenti kollha u semmai ghandu japplika fil-konfront tad-defunt Saviour Spiteri biss.
>
> Ghalhekk it-talba ghall-ezekuzzjoni fil-konfront ta' l-intimati l-ohra hija xorta wahda intempestiva u b'hekk ma tistax issehh kontra Angela Mizzi, Charles Mizzi u Maria Spiteri.
>
> Illi ghalhekk qieghed jigi eccepiet li tali talba hija intempestiva fil-konfront ta' Angela Mizzi, Charles Mizzi u Maria Spiteri.
>
> Illi qieghed jigi eccepiet ukoll illi Angela Mizzi, Charles Mizzi u Maria Spiteri ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> Illi fit-tielet lok, fir-rigward ta' Saviour Spiteri, irridu jigu stabbiliti minn huma l-eredi tieghu".

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati, laqgħet it-talba tal-Bank rikorrent għall-finijiet tal-Artikolu 259 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u awtorizzat lill-Bank rikorrent sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu naxxenti mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju 2007 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Angela Mizzi, Charles Mizzi u Saviour u Maria miżżewġin Mizzi** wkoll kontra l-intimati Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco *qua* eredi tad-defunt Saviour Spiteri. Bl-ispejjeż kontra l-intimati Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Jirriżulta li fil-25 t'April 2001, il-Bank rikorrent ta lill-intimata Angela Mizzi, dak iż-żmien Spiteri, faċilita' ta' self bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku redatt min-Nutar Pierre Cassar fis-somma ta' Lm43,000, li kellha titħallas lura lill-bank attur b'pagamenti mensili ta' Lm 528 għal

għaxar snin. Il-ġenituri tagħha, Saviour u Maria Spiteri, ġenituri ta' Angela Mizzi, daħlu garanti solidali bejniethom għall-obbligazzjonijiet li ntrabtet binthom bihom.

Charles Mizzi, illum ir-raġel tagħha, ukoll iggarantixxa l-istess obbligazzjonijiet bis-saħħa ta' kitba ta' garanzija.

Angela Mizzi ma kinitx qiegħda tagħmel il-ħlasijiet tagħha b'mod regolari u l-aħħar ħlas kien f'Novembru 2003. In segwietu għal dan il-Bank rikorrent, wara li ra li l-laqgħat sabiex tinstab soluzzjoni ma wasslu imkien, intavola proċeduri fejn talab lill-Qorti sabiex l-intimati flimkien u solidament bejniethom jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' ħamsin elf erba' mija u erbgħa u ħamsin lira Maltija u erbgħin ċenteżmi (Lm50,454.40) rappreżentanti l-bilanċ għad-debitu ta' *Loan Account* maħruġ minnu f'isem Angela Mizzi, flimkien mal-imgħaxijiet miżjuda b'effett mit-22 ta' Awissu 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

Din il-Qorti diversament presjeduta, b'sentenza tas-26 ta' Ġunju 2007, ikkundannat lill-konvenuti "flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' ħamsin elf erba' mija u erbgħa u ħamsin lira Maltija u erbgħin ċenteżmu (Lm50,454.40) [ekwivalenti għal €117,527.14] bilanċ għad-debitu ta' *loan account* tal-imħarrka Angela Mizzi mal-istess Bank attur, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri fuq l-imsemmija somma b'effett mit-22 ta' Awissu, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv, u flimkien mal-ispejjeż tal-kawża." L-ebda appell ma ġie intavolat minn dik is-sentenza.

Nonostante li għaddew 'il fuq minn tnax-il sena, is-somma ta' Lm50,454.40 ekwivalenti għal €117,527.14 flimkien mal-imgħaxijiet baqgħu ma tħallsitx tant li sas-16 t'Ottubru 2019 is-somma telgħet bl-imgħaxijiet għal mitejn u erbgħin elf, seba' mija u sitta u għoxrin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€240,726.17) kwantu għas-somma ta' mija u sbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€117,527.14) sorte, kwantu għas-somma ta' mija u tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u tletin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€118,435.46) imgħax sas-16 ta' Ottubru 2019 u kwantu għas-somma ta' erbat elef, seba' mija u tlieta u sittin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,763.57) spejjeż tal-kawża.

Fis-17 ta' Mejju 2007 miet l-intimat Saviour Spiteri intestat. L-eredi tiegħu huma martu Maria Spiteri u uliedu Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco.

In vista li l-intimati baqgħu qatt m'għamlu l-ħlas kif ordnat mill-Qorti, il-Bank rikorrenti intavola r-rikors odjern sabiex jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jeżegwixxi l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-werrieta ta' Saviour Spiteri. L-intimati joġġezzjonaw għal din it-talba u jeċċipixxu fost oħrajn l-intempestivita u l-applikazzjoni ħażina tal-Artikolu 259 tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

Il-bank attur qed jadixxi lill-Qorti ai termini tal-Artikoli 258 u 259 tal-Kapitolu 12 li jipprovdu illi:

> Artikolu 258.
>
> Wara –
> (a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a) , (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit
> [...]
> l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.
>
> Artikolu 259
>
> "(1) Ir-rikors imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan hu dejjem meħtieġ, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx għadda ż-żmien imsemmi fl-imsemmi artikolu." Ir-rikors li qiegħed isir referenza għalih f'dan l-artikolu huwa rikors sabiex ikun hemm eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv:

Minn eżami taż-żewġ artikoli tal-liġi appena ċitati jemerġi s-segwenti konsiderazzjonijiet dwar l-elementi tal-azzjoni ai termini tal-artikoli 258 u 259 tal-Kap 12:

1. Kreditur li jgawdi minn titotlu eżekuttiv kontra d-debitur tiegħu għandu terminu determinat statutorjament sakemm jista' jeżegwixxi tali titolu eżekuttiv;

2. Skadenti dak it-terminu, il-kredtur ma jitlifx darba għal dejjem it-titolu eżekuttiv li jipposjedi; iżda temporanjament dak it-titolu jitlef is-saħħa eżekutiva tiegħu sakemm il-kreditur jadixxi l-Qorti għall-awtorizzazzjoni sabiex kun jista' jiprosegwi bl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tiegħu;

3. Fil-proċedura għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja imsemmija l-kreditur irid bil-ġurament tiegħu jiddikjara illi l-intimat għadu debitur tiegħu għas-somma intiera jew għal parti minnha;

4. Huwa miżmum illi rrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont speċifiku. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe` li l-obbligazzjoni tal-ħlas

għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur[1];

5. F'kawża tax-xorta bħal dik odjerna ma hux mogħti lill-konvenut illi jqajjem eċċezzjonijiet li jirreferu għall-mertu tal-kwistjoni tal-partijiet qabel inħoloq it-titolu eżekuttiv; irrispettivament jekk tali titolu eżekuttiv twelidx minn sentenza, lodo arbitrali, kuntratt pubbliku jew mezz idoenu ieħor.

6. Kieku l-Qorti kellha taċċetta li l-konvenut jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-mertu, tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbuż tas-sistema ġudizzjarja fis-sens li l-konvenut jkun qiegħed jingħata l-opportunità li jtawwal proċediment ġudizzjarju li ma kienx intiż mil-leġislatur biex ikun ikkontestat b'eċċezzjonijiet dwar mertu. Għaldaqstant, konsiderazzjonijiet dwar l-ammont effetivament dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti li tindaga dwaru iżda semmai jidħlu in vigore jekk it-titolu jingħata eżekuzzjoni fejn allura l-partijiet ikollhom ir-rimedji li tagħti l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi[2];

7. Dan għaliex f'kawżi bħal dawk odjerni l-kreditur ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex jeżegwixxi titolu eżekuttiv preċedentement akkwistat permezz ta' sentenza preċedenti[3].

8. Fl-eventwalita' li d-debitur li kontra tiegħu hemm titotlu eżekuttiv imut qabel jissalda mal-kreditur dak kollu minnu dovut; huwa dejjem meħtieġ li qabel ma l-kreditur jipproċedi sabiex jeżegwixxi l-istess titotlu eżekuttiv kontra l-eredi tad-debitur, li jitlob preventivament l-awtorizzazzjoni tal-qorti, irrispettivament minn kemm ikollu eta' t-titolu eżekuttiv fil-jum tal-mewt tad-debtiur;

9. Fil-kawża kontra l-eredi jinkombi fuq l-attur li jipprova illi l-konvenuti huma l-eredi tad-debtiru.

10. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Edgar Fava vs Gerald Rapinett et mogħtija fil-25 ta' Frar 2021:

> "L-Artikolu 831 tal-Kodici Civili jghid illi s-successjoni tinfetah kif tigri l-mewt. Il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet, jghid l-Artikolu 836 tal-istess Kodici, jghaddi, bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt. Ovvjament, kif jghid l-Artikolu 846 tal-istess Kodici, hadd ma hu obbligat li jaccetta wirt li jmiss lilu, pero`, sa ma jkun hemm rinunzja, il-werrieta skont il-ligi jitqiesu li jirrapprezentaw il-mejjet.
>
> L-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv jista' jintalab, fi kliem iehor, kontra l-eredi nominati b'dan, pero`, li dak li ma jaccettax il-wirt ma jkunx jista' jigi imgieghel ihallas lanqas sehmu. Ghall-fini ta' l-esegwibilita` ta'

[1] **Bank of Valletta plc vs Refco Co Ltd** – Prim' Awla - 12 ta' April 2012; Ara wkol **HSBC Bank Malta p.l.c. vs. John Dalli et** - Prim'Awla - 18 t'April 2002.
[2] **Emmanuele Falzon pro et noe vs Joseph Vella** - Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 1988;
[3] **John Portelli noe vs Henry Azzopardi pro et noe** - Qorti tal-Appell - 29 ta' Mejju 1997;

> kuntratt pubbliku, il-kreditur irid jipprocedi kontra l-werrieta li bis-sahha tal-ligi jkomplu l-personalita` guridika tal-mejjet, il-hlas, imbaghad, ikun irid isir minn min ma jkunx irid jirrinunzja ghall-wirt. L-Artikolu 259(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid car u tond li z-zmien li fih wiehed jista' jiddikjara jekk iridx jaccetta l-wirt "ma jissospendix l-esekuzzjoni" bir-rizultat li l-process ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv jibqa' ghaddej kontra l-werrieta bil-ligi".

L-Eċċezzjoni li l-Azzjoni Attriċi hija Intempestiva.

Fid-difiża tagħhom kontra t-talbiet tal-bank rikorrent l-intimati m'huma jissollevaw ebda eċċezzjoni dwar l-ammont li jista' jkun dovut, iżda qegħdin fl-ewwel lok jeċċepixxu li l-azzjoni hija intempestiva.

Mill-qari tal-Artikolu 258 sukwotat, sentenza tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta bħal m'hi allura s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Ġunju 2007, u li l-Bank qiegħed jitlob l-eżekuzzjoni tagħha, tista' tiġi eżegwita fi żmien ħmistax-il sena mid-data tal-għoti tas-sentenza. Wara l-iskadenza tat-terminu imsemmi u fl-eventwalita' li l-kreditu kanonizzat ma jkun għadu saldat tiskatta l-ħtieġa tal-proċedura hawn trattata.

F'dan il-każ allura il-bank attur seta' jipproċedi kontra d-debitur oriġinali bis-saħħa tas-sentenza sas-26 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 259 tal-Kap 12 huwa ċar. Una volta li jiġi nieqes id-debtiur,il-kreditur li jgawdi minn titolu eżekuttiv kontra d-debitur jeħtieġlu l-awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex ikun jista' jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu kontra l-eredi tad-debitur irrispettivament jekk ikun għadda jew le ż-żmien li fih l-eredi setgħu jirrinunzjaw għall-wirt..

L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati hija għalhekk manifestament infondata u qed tiġi respinta.

L-Eċċezzjoni illi l-Azzjoni taħt l-Artikou 259 kellha tittieħed biss kontra l-Eredi ta' Saviour Spiteri.

Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom l-intimati jgħidu li jekk l-azzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 259, dan l-artikolu għandu japplika biss fil-konfront tad-defunt Saviour Spiteri u l-eżekuzzjoni fil-konfront tal-intimati l-oħra (ċioe Angela Mizzi, Charles Mizzi u Maria Spiteri) hija intempestiva.

Jirriżulta mill-atti esebiti li Saviour Spiteri miet fis-17 ta' Mejju 2007.[4] Għalkemm ġie eċċepiet mill-intimati li jridu jiġu stabbiliti minn huma l-eredi tiegħu, mill-kuntratti ppreżentati deher fil-fatt li l-eredi huma Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantelleresco. Wieħed minn dawn id-dokumenti huwa dikjarazzjoni causa mortis magħmula mill-imsemmija fis-16 ta' Novembru 2017, fejn ġie dikjarat li Salvatore sive

[4] Ċertifikat tal-mewt f'paġna 12 tal-proċess.

Saviour Spiteri miet intestat u "għalhekk il-werrieta tieghu skont il-Ligi huma martu u ż-żewġ uliedu."[5]

Inoltre, l-intimata Angela Mizzi kkonfermat fix-xhieda tagħha li hija kienet taf li hija werrieta ta' missierha u li għamlet xi bejgħ ta' xi proprjetajiet li kien wiret missierha. Francesca Pantalleresco taħt ġurament ukoll tikkonferma li kienu ommha, oħtha Angela Mizzi u hi li wirtu lill-missierha. In segwietu għal dak li ingħad fir-risposta tal-intimat, il-Bank rikorrent b'rikors tal-24 ta' Jannar 2020 talab korrezzjoni fl-okkju ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 sabiex l-okkju jiġi jaqra "Bank of Valletta plc (C2833) vs. Angela Mizzi (K.I. 403177(M)), Charles Mizzi (K.I. 570876 (M)), Saviour Spiteri (K.I. 761348 (M), Maria Spiteri (K.I. 457251(M)), kif ukoll Francesca Pantelleresco (399282(M)) u l-imsemmija Maria Spiteri, u Angela Mizzi bhala eredi ta' Salvatore Spiteri". Din it-talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti b'digriet tat-28 ta' Jannar 2020.

Permezz tal-kawża odjerna l-bank attur qed jitlob lill-Qorti:

> "Tawtorizzaha tezegwixxi is-sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Angela Mizzi, Charles Mizzi, u Saviour u Maria mizzewgin Spiteri" (Citazzjoni numru 969/05 JRM) (Dok "A") ukoll kontra Maria Spiteri (ID 457251M), Angela Mizzi (ID 403177M) u Francesca Pantalleresco (ID 399282M) bhala eredi ta' Salvatore Spiteri, minbarra kontra l-konvenuti fil-kawza Angela Mizzi, Charles Mizzi, u Maria Spiteri".

Minn dan jirriżulta illi dak li qiegħed jintalab huwa l-eżegwibbilita tas-sentenza kontra Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco bħala l-eredi ta' Salvatore sive Saviour Spiteri iżda mhux kontra Angela Mizzi, Maria Spiteri u Charles Spiteri bħala l-persuni mħarrka mill-Bank fil-kawża biċ-Ċitazzjoni numru 969/2005. L-interpretazzjoni ta' din il-Qorti jekwipara fil-fatt ma' dak li jirriżulta fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent fejn jidher ċar li r-rikors odjern hu immirat lejn dikjarazzjoni ta' eżegwibbilita ta' sentenza fil-konfront tal-werrieta tad-debitur tagħhom.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk kemm ir-rikorrent u kemm l-intimati qegħdin jgħidu l-istess ħaġa b'mod differenti u ċioe li l-eżekuzzjoni b'dan ir-rikors huwa limitat fil-konfront tal-werrieta ta' Saviour Spiteri.

Ikkunsidrat;

Il-leġislatur jippreskrivi li talba bħal din odjerna għandha ssir dejjem. Ingħad ukoll fis-sentenza Av. Dr. Georgine Schembri et vs. John Mary Muscat (App Ċiv 77/2013) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 t'Ottubru 2013 li "ghalkemm huwa minnu li per regola l-eredi li jaccetta l-eredita` tad-decujus jidhol fiz-zarbun tal-istess kemm ghall-attiv kif ukoll ghall-passiv tal-eredita`, dan ma jezonerax lill-appellanti

[5] Paġna 112 tal-proċess.

> mill-osservanza tar-regoli procedurali, li huma ta' ordni pubbliku, kif johorgu mill-Kapitolu 12, senjatament l-Artikoli 258 u 259."
>
> Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li fl-okkju tal-kawża odjerna l-bank attur inkluda l-isem tad-defunt Salvatore Spiteri ma jġibx in-nullita' tal-proċedura (ara. Finpro Ltd vs. Diane Margaret Cardona et - Prim' Awla - 11 t'Ottubru 2011 u Mario Sammut et vs. Joseph Camilleri - Prim' Awla - 10 t'April 2019). Fi kwalunkwe każ, dan l-aspett tal-vertenza ġie indirizzat bid-digriet li awtorizza żieda fl-okkju fejn proprju ġie indikat min mill-konvenuti
>
> Hekk meqjusa l-punti preliminari sollevati mill-intimati, il-Qorti qieset illi Graziella Perrone, rappreżentanta tal-Bank rikorrent fix-xhieda tagħha tas-16 ta' Novembru 2017 ħalfet li sad-data li ġiet intavolata din l-azzjoni ma kien sar l-ebda żvilupp fil-kont u ma kien sar l-ebda ħlas. Kif ġie diġa ritenut aktar 'l fuq l-intimati ma kkontestawx is-somma li qiegħda tintalab mill-Bank rikorrent u fi kwalunkwe każ ma hux il-kompitu tal-qorti f'din il-kawża li tistabbilixxi eżatt kemm hu l-bilanċ dovut iżda biss li għad hemm l-ammont sħih jew inkella bilanċ dovut.
>
> Mill-kontenut tar-rikors u permezz tax-xhieda u tad-dokumenti li ppreżenta l-bank rikorrent fil-kors tas-smigħ tar-rikors, il-Qorti hija sodisfatta li l-bank rikorrent għamel il-prova li trid il-liġi għal fini ta' proċeduri ta' din ix-xorta.
>
> Ladarba intwera li Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco huma l-uniċi eredi ta' Saviour Spiteri, ladarba it-titolu eżekuttiv ġie sodisfaċentement ippruvat, ladarba hemm il-konferma bil-ġurament illi d-dejn għadu mhux kollu mħallas, isegwi illi t-talba tal-bank attur timmerita li tiġi akkolta".

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-intimati Angela Mizzi, Charles Mizzi, Maria Spiteri u Francesca Pantalleresco, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Ġunju, 2022, kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellanti tan-nullità għat-tenur tal-Artikolu 787 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u tal-Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), filwaqt li tilqa' din l-eċċezzjoni ta' nullità, tiċħad it-talbiet tal-Bank rikorrent appellat, b'dan li l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jiġu sopportati mill-appellati.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà rikorrenti appellata Bank of Valletta p.l.c. li permezz tagħha wieġbet li l-appell tal-intimati għandu jiġi riġettat fl-intier tiegħu u fl-istess waqt interponiet appell inċidentali, li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi fid-*decide* tal-istess provvediment, il-kliem "Saviour u Maria miżżewġin Mizzi" jiġu kkanċellati alterati u sostitwiti bil-kliem "Saviour u Maria miżżewġin Spiteri", filwaqt li tikkonferma l-provvediment fil-bqija fl-intier tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellanti.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti.

**Ikkonsidrat:**

9. Illi wara li l-Bank rikorrent permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju, 2007, fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Angela Mizzi, Charles Mizzi u Saviour u Maria miżżewġin Spiteri**, li

ġġib referenza 969/05, ġie kanonizzat kreditur fil-konfront tad-debituri Angela Mizzi, Charles Mizzi u Saviour u Maria konjuġi Spiteri, fis-somma ta' €117,527.14 flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Awwissu, 2005, sal-jum tal-pagament effettiv, miet wieħed mid-debituri l-intimat Saviour Spiteri. Peress li l-eredi tiegħu huma martu Maria Spiteri, u wliedu Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco, il-Bank rikorrent ressaq din il-kawża sabiex ikun awtorizzat li jeżegwixxi l-imsemmija sentenza (969/05) ukoll kontra Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco, bħala eredi ta' Salvatore Spiteri, minbarra kontra l-intimati Angela Mizzi, Charles Mizzi u Maria Spiteri.

10. L-intimati ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fis-sens li: (i) m'għaddewx ħmistax-il sena mid-data tas-sentenza skont l-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 u għalhekk il-proċeduri huma intempestivi; (ii) jekk ir-rikorrent irid jipprevalixxi ruħu mill-Artikolu 259 tal-Kap. 12, dan l-artikolu għandu japplika biss fil-konfront tad-defunt Saviour Spiteri u għalhekk l-azzjoni hija intempestiva fil-konfront ta' Angela Mizzi, Charles Mizzi u Maria Spiteri, kwindi dawn għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju; u (iii) fir-rigward ta' Saviour Spiteri, jeħtieġ li jiġu stabbiliti min huma l-eredi tiegħu. Filwaqt li waqt it-trattazzjoni tal-kawża tressqet ukoll l-eċċezzjoni li r-rikors tal-Bank rikorrent huwa null inkwantu sar kontra persuna mejta u dan skont l-Artikolu 787 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fis-sens illi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati, laqgħet it-talba tal-Bank rikorrent għall-finijiet tal-Artikolu 259 tal-Kap.12 u awtorizzat lill-Bank sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu naxxenti mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju, 2007, fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Angela Mizzi, Charles Mizzi u Saviour u Maria miżżewġin Mizzi** wkoll kontra l-intimati Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco, bħala eredi tad-defunt Saviour Spiteri. Bl-ispejjeż kontra l-intimati Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco.

12. L-intimati ħassewhom aggravti bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tagħhom jissejjes fuq l-aggravju waħdieni li l-kawża promossa mill-Bank rikorrent saret skont l-Artikolu 259 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (minn hawn 'il quddiem Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), fejn kreditur li jottjeni sentenza fil-konfront tad-debituri, jista' fejn wieħed mid-debituri jiġi nieqes, iressaq rikors kontra l-werrieta, sabiex jitlob l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza fil-konfront tal-werrieta, iżda f'dan il-każ saret ukoll kontra l-persuna mejta flimkien mal-werrieta. Kwindi l-appellanti jsostnu li, skont l-Artikolu 787 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull att ġudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaċi li toqgħod f'kawża huwa null. Konsegwentement l-appellanti jargumentaw li ġaladarba l-kawża promossa mill-Bank

appellat saret kontra Saviour Spiteri, persuna defunta, li allura mhijiex kapaċi toqgħod f'kawża, flimkien mal-werrieta tiegħu stess, il-kawża hija irrimedjabbilment nulla. L-appellanti jisħqu li huwa magħruf li r-regoli ta' proċedura huma ta' ordni pubbliku u għalhekk kull nullità pronunċjata mil-liġi ta' proċedura hija nullità li mhijiex sanabbli u rimedjabbli, tant li tista' titqajjem *ex officio* mill-Qorti, mingħajr il-ħtieġa li tiġi eċċepita formalment. Isostnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat tali ċirkustanza bħala waħda sanabbli li ġiet rimedjata bid-digriet tagħha meta awtorizzat żieda fl-okkju tal-eredi ta' Saviour Spiteri. Jisħqu li l-eżekuzzjoni ma tista' qatt issir kontra persuna mejta u li huwa kontrosens li tiġi mitluba l-eżekuzzjoni ta' sentenza kontra l-werrieta tad-debitur u fl-istess ħin kontra d-debitur defunt. Kwindi t-talbiet tal-Bank kellhom jiġu miċħuda fid-dawl ta' din in-nullità.

13. Il-Bank appellat fir-risposta tal-appell tiegħu jisħaq li l-proċeduri odjerni ta' rikors għall-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni taħt l-Artikolu 258 u 259 tal-Kap. 12 huwa tassattiv li t-titolu eżekuttiv jiġi deskritt fl-intier tiegħu u li l-okkju tas-sentenza kif riprodotta tiġi eżegwità mhux biss fil-konfront tad-debituri Angela Mizzi, Charles Mizzi u Maria Spiteri, iżda wkoll kontra Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco, bħala eredi ta' Saviour Spiteri. Jikkontesta l-applikabbilità tal-Artikolu 787 tal-Kap. 12, inkwantu l-kawża hija mmirata lejn Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco, bħala eredi ta' Saviour Spiteri u mhux kontra

persuna li mhix kapaċi toqgħod f'kawża, ċjoè l-mejjet, kif jipprovdi l-Artikolu 787 tal-Kap. 12. Wara kollox, dawn il-proċeduri huma kontinwazzjoni ta' sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju, 2007 u l-leġiżlatur ipprovda li meta proċeduri jkunu għaddejjin kontra persuna li tmut waqt il-proċeduri, ma jwasslux għal nullità tal-proċeduri, iżda għal-leġittimazzjoni tal-atti. Issir referenza estensiva għall-ġurisprudenza fis-sens li n-nullità hija odjuża u mezz li wieħed għandu jirrikorri għaliha f'każ ta' neċessità, kif ukoll, kemm-il darba l-att ma jkunx nieqes minn xi kwalità essenzjali, ma jkunx null sakemm ma jarrekax preġudizzju. L-appellat jissottometti wkoll li n-nullità ma tistax titqanqal jekk jitħallew isiru atti warajha.

14. Il-Bank appellat ipprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali, għall-finijiet tal-Artikolu 240 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex ressaq l-appell inċidentali tiegħu. Kwindi talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn laqgħet it-talbiet tiegħu u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati, filwaqt li ħassu aggravat minn dik il-parti dispożittiva tas-sentenza fejn il-konjuġi Saviour u Maria konjuġi Spiteri ġew indikati bħala "Saviour u Maria miżżewġin Mizzi", peress li l-kunjom ta' dawn il-konjuġi kellu jiġi ndikat bħala "Spiteri" u mhux "Mizzi". Għalkemm dan jidher li kien żball ġenwin tal-Ewwel Qorti, huwa meħtieġ li din il-Qorti tordna korrezzjoni fid-*decide* tal-provvediment, sabiex kollox ikun ritwali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Ir-rikors promotur imressaq mill-Bank rikorrent sar skont l-Artikolu 259(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju, 2007, fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Angela Mizzi, Charles Mizzi u Saviour u Maria miżżewġin Spiteri**, li ġġib referenza 969/05 – rikors li huwa meħtieġ li jsir, skont il-provvediment tal-liġi, kontra l-werrieta tad-debitur. Jirriżulta mill-provi fl-atti li wieħed mill-konvenuti f'dik il-kawża, Saviour Spiteri miet fis-17 ta' Mejju, 2007 (ara Dok. D a fol. 12 tal-proċess). Għalkemm mir-riċerki testamentarji jirriżulta li d-*decuius* miet intestat, il-werrieta tiegħu skont il-liġi, kif jingħad fl-istess dikjarazzjoni *causa mortis* (ara Dok. GP1 a fol. 39) huma martu, Maria Spiteri u wliedu Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco. Huwa tabilħaqq ċar li, l-iskop tar-rikors in eżami huwa li, il-Qorti tawtorizza l-eżegwibbilità tas-sentenza hawn qabel imsemmija tas-26 ta' Ġunju, 2007, fil-konfront tal-werrieta ta' wieħed mid-debituri (minkejja li t-terminu stabbilit għall-eżekuzzjoni tas-sentenza għadu m'għaddiex) proċedura stabbilita fil-liġi, li għandha dejjem issir kontra l-eredi tad-debitur.

16. F'każijiet simili, xogħol il-Qorti huwa sempliċement li taċċerta ruħha li tabilħaqq jeżisti t-titolu eżekuttiv skont l-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 (ara s-sentenza esebita bħala Dok. 'A' a fol. 2), jekk id-debitu jew parti minnu

għadux dovut (ara x-xhieda f'dan is-sens ta' Graziella Perrone a fol. 36 u 37 u r-rendikont esebit mar-rikors promotur a fol. 10) u dwar min huma l-werrieta tad-debitur (ara fol. 39), kwindi li għad hemm obbligazzjoni ta' ħlas min-naħa tal-werrieta tad-debitur, f'liema każ jiskatta d-dritt tar-rikorrent li t-titolu tiegħu jiġi mġedded u jerġa' jiġi reż eżekuttiv permezz tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fil-każ in eżami, filwaqt li l-intimati appellanti oriġinarjament ressqu bħala eċċezzjonijiet fis-sens li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda intempestiva u li jridu jiġu stabbiliti min huma l-eredi, fl-istadju tat-trattazzjoni ressqu eċċezzjoni fis-sens li meta r-rikors promotur apparti li sar fil-konfront tal-werrieta, tressaq ukoll fil-konfront ta' persuna mejta, dak ir-rikors ġie reż null. L-appell tal-intimati jissejjes proprju fuq dan l-aħħar punt.

17. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-aggravju tal-intimati appellanti. Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 787(1) tal-Kap. 12, jipprovdi li att ġudizzjarju mressaq kontra persuna li mhix kapaċi toqgħod f'kawża ma jiswiex u huwa ovvju li persuna mejta ma tistax toqgħod f'kawża, peress li l-mewt iġġib fi tmiem il-kapaċità ġuridika ta' persuna, madankollu, id-drittijiet u d-dmirijiet ta' persuna li tmut jgħaddu għal fuq il-werrieta, sabiex proċess ġuridiku interrott bil-mewt ta' persuna, jgħaddi permezz tat-trasfużjoni tal-ġudizzju għal fuq il-werrieta. Hekk ukoll, ta' min wieħed jinnota li għalkemm l-Artikolu 789(1) jipprovdi li l-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata fost affarijiet oħra,

jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament, madankollu l-istess *proviso* tal-Artikolu 789 jipprovdi li l-eċċezzjoni ta' nullità ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi. Permezz ta' dan il-*proviso*, m'hemmx dubju li l-leġiżlatur qiegħed jagħmel referenza għall-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 jipprovdi hekk:

> "*175. (1) Il-qorti tista`, f`kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta` waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta` waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża." (sottolinjar ta' din il-Qorti)*

18. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Carmela Buttigieg et v. Carmen Agius** deċiża b'sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-23 ta' Marzu 2010:

> "*Illi l-qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullità ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullità tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ) hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullità li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)*[6]*, liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*[7]*.*
>
> *Illi ma' dan il-qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullità ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullità assoluta u dik relativa. F'tal-ewwel, il-qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu*

---

[6] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet **Micallef vs Krogh Jacobsen** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**).

[7] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet **Ellul vs Gera de Petri et** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija.

> *provvediment ukoll ex ufficio, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni*[8]*. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formaliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purkè ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi".*[9]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, huwa mifhum li m'għandu jkun hemm xejn li jxekkel milli l-att promotur tal-kawża, f'każ ta' mewt ta' wieħed mill-kontendenti fil-kawża, jiġi regolarizzat jew sanat permezz tal-korrezzjoni opportuna, dejjem sakemm jiġu mħarsa d-drittijiet tal-werrieta. Wara kollox, hija l-liġi stess li tippermetti li jsiru korrezzjonijiet saħansitra f'każijiet fejn l-istess liġi tipprovdi għan-nullità u l-liġi tagħti rimedju għat-tiswija.

19. Relevanti wkoll hija s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Frar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet **Cranes and Commercial Sales Limited v. Carmelo Buhagiar et**, fejn f'ċirkustanzi simili għall-każ in eżami tqanqlet l-istess eċċezzjoni ta' nullità, dik il-Qorti qalet hekk:

> *"Illi kif intqal fis-sentenza Fenech vs Borg deċiża fis-27 ta' April, 1956 (Kollez. Vol. XL.ii.778), din id-dispożizzjoni (illum l-Artikolu 175 tal-Kap. 12) ġiet diversi drabi interpretata fis-sens li t-tibdil ma jistax isir jekk il-korrezzjoni taffettwa l-mertu tal-kawża; jew l-eċċezzjonijiet riflettenti l-mertu; diversament, il-qorti, f'każ ta' oppożizzjoni, qatt ma kienet tkun tista' tordna ebda tibdil (Vol. XXIX.iii.261).*
>
> *Illi fil-każ preżenti, bit-tibdil mill-isem ta' wħud mill-konvenuti għall-werrieta tagħhom m'hemm l-ebda bdil fis-sustanza tal-azzjoni inkwantu l-eredi huma t-titolari tal-istess jeddijiet u obbligi li kellhom id-dante*

[8] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet **Ludovico Magro vs Pio Żammit** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju.

[9] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet **John Mallia vs Maria Assunta Borġ et** (mhix pubblikata).

> *causa tagħhom. L-eċċezzjonijiet li setgħu qanqlu l-konvenuti mejta jistgħu faċilment iqanqluhom il-werrieta tagħhom li l-atturi jridu jiċċitaw fil-kawża. Matul is-smigħ tal-kawża, il-konvenuti ma wrewx li sejrin ibatu xi preġudizzju permezz tas-sostituzzjoni tagħhom minflok id-dante causa tagħhom".*

L-intimati appellanti ma ressqu l-ebda lment ta' preġudizzju, iżda qagħdu fuq l-eċċezzjoni ta' nullità sempliċement peress li hemm isem id-*decuius* fl-okkju tal-kawża, meta kif ġustament spjegat mill-Bank appellat, din il-kawża saret wara li ġie miksub it-titolu eżekuttiv permezz tas-sentenza li ġġib referenza 969/05 li fiha d-*decuius* kien parti konvenuta, kwindi l-okkju tagħha kellu jiġi riprodott, b'dan illi l-proċeduri odjerni jsiru wkoll fil-konfront ta' Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco fil-kwalità tagħhom ta' eredi ta' Saviour Spiteri. F'dan is-sens kien ir-rikors tal-Bank appellat tal-24 ta' Jannar, 2020, li ġie debitament milqugħ u degretat mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Jannar, 2020, fejn l-Ewwel Qorti ordnat li ssir il-korrezzjoni kif mitluba.

20. Tabilħaqq, din il-Qorti hija tal-fehma li s-sanzjoni estrema tan-nullità ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali, meta l-uniku rimedju li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif wara kollox jipprovdi l-*proviso* tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12, li ċertament mhuwiex il-każ in eżami. Għalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u ssib li l-aggravju li fuqu jissejjes l-appell prinċipali ma jreġix u għaldaqstant ser jiġi miċħud.

21. Jonqos li jiġi trattat l-appell inċidentali, dak fejn il-Bank rikorrent ħassu aggravat minn dik il-parti dispożittiva tas-sentenza fejn il-konjuġi Saviour u Maria konjuġi Spiteri ġew indikati bħala "Saviour u Maria miżżewġin Mizzi", peress li l-kunjom ta' dawn il-konjuġi kellu jiġi ndikat bħala "Spiteri" u mhux "Mizzi". Huwa evidenti li dan huwa każ ta' *lapsus calami*, peress li fejn fil-bqija tas-sentenza, id-*decuius* huwa ndikat bħala Saviour Spiteri, u l-okkju tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju, 2007, fil-kawża fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Angela Mizzi, Charles Mizzi, u Saviour u Maria mizzewgin Spiteri** (Ċitazzjoni numru 969/05 JRM), fid-*decide* tas-sentenza kunjom il-konjuġi Spiteri ġie ndikat bħala Mizzi. Madankollu dan l-iżball ma jbiddel xejn mill-apprezzament imwettaq mill-Ewwel Qorti u mis-sustanza ta' dak deċiż minnha u għalhekk il-korrezzjoni miluba permezz tal-appell inċidentali timmerita li tiġi milqugħa.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt li din il-Qorti tiċħad l-appell prinċipali mressaq mill-intimati bħala wieħed li mhuwiex mistħoqq, tilqa' l-appell inċidentali tal-Bank rikorrent u għalhekk filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrent, tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha sa fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati, u laqgħet it-talba tal-

Bank rikorrent għall-finijiet tal-Artikolu 259 tal-Kap.12 u tħassarha fil-bqija, b'dan li tawtorizza lill-Bank sabiex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu naxxenti mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju, 2007, fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Angela Mizzi, Charles Mizzi u Saviour u Maria miżżewġin Spiteri** wkoll kontra l-intimati Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco, bħala eredi tad-defunt Saviour Spiteri.

Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-intimati Maria Spiteri, Angela Mizzi u Francesca Pantalleresco.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm